# IL-PJAN TAL-LEZZJONI

**Kap 2: Qawsalla ta' Kuluri**

**Lezzjoni 2.13: Affarijiet li jgħaqqduna flimkien**

**L-Għanijiet:**



It-tfal:

a) Japprezzaw il-fatt li fid-dinja jeżistu tfal oħrajn.

b) Jagħrfu d-differenzi u dak li jgħaqqadhom ma' dawn it-tfal.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Diska: The Helping Song
  http://www.youtube.com/watch?v=0B4cBxXStb8
- Powerpoint – stampi ta' tfal ġejjin minn pajjiżi u kulturi differenti u anki reliġjon differenti u tfal b'diżabiltà.
- Karta ta' Taħriġ: 2.8.



**Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu**

- Uri l-*powerpoint* tat-tfal ta' kulturi differenti u permezz ta' mistoqsijiet addattati ara t-tfal x'jgħidulek dwar dak li qed jaraw.
- Wassal lit-tfal biex jifhmu li kull bniedem hu min hu u ġej, mil-liema pajjiż hu, hu maħluq minn Alla u għalhekk jixraqlu kull rispett.



**Nisimgħu flimkien (Il-pjan tal-lezzjoni)**



- Spjega, permezz tal-istess stampi, id-differenzi li huma stess qed jaraw bejnhom u bejn it-tfal tal-istampi.
- Semmi (IMPORTANTI li mingħajr ma tidħol f'dettall) ir-reliġjonijiet li mill-istampi jidhru li t-tfal qed iħaddnu – il-Musulmani, il-Buddisti, l-Insara.
- Spjega l-mod ta' ħajja li t-tfal tal-istampi qed jgħixu.
- Enfasizza dawk l-affarijiet li t-tfal tad-dinja kollha jagħmlu u allura jgħaqqduhom flimkien. (*powerpoint* li turi għaqda.
- Ħalli t-tfal isemmu dak li jgħaqqadhom, per eżempju: logħob, skola, sports, eċċ.

- Semma d-diska *The helping song* li qiegħda f'vidjow-klipp.
- Spjega din il-klipp.
- Staqsi lit-tfal x'jogħġobhom minnha u allura x'għandhom jagħmlu.
- Oħroġ il-punt li t-tfal tad-dinja kollha huma min huma, għandhom jgħinu lil dawk li jieħdu ħsiebhom u jħobbuhom.
    - Stieden lit-tfal isibu l-Karta ta' Taħriġ 2.8 u bħala klassi għenhom iqabblu l-istampi ma' xulxin.

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**




1. Hawn tfal li qed ibatu fl-artijiet tal-Missjoni.
2. Ngħinuhom billi nitolbu għalihom u fejn nistgħu nagħtu milli għandna.
3. Nifhmu li aħna lkoll aħwa, ulied tal-istess Missier.

**Nagħżlu flimkien (L-attitudni)**




- Nitolbu għal min ma nistgħux ngħinuh b'mod ieħor. Ejja nibdew minn issa.

**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**

- Diska fil-vidjow-klipp: *The Helping Song*



**Nitolbu**

Mulej, għinni napprezza dak li għandi u ma naħlix.

